# Stqarrija għall-Istampa

**Data:** It-Tnejn, 13 ta' Lulju 2015, 10.30am
**Informazzjoni:** Robert Grech, 2713 1869
**Website:** www.maltabusinessbook.com
**Verzjoni Digitali:** downloads.maltabusinessbook.com

***Copy starts***

Għadu kemm ġie uffiċjalment imniedi Direttorju Online ġdid, bil-għan li jgħin kumpaniji Maltin jippromwovu ruħhom fi swieq internazzjonali.

Malta Business Book, is-sit operat minn Web Matters Limited, jelenka mijiet ta' kumpaniji li kollettivament joffru eluf ta' prodotti u servizzi.

Dan is-sit, li għandu l-appoġġ tal-Ministeru għal Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u Business First, ġie inawgurat mill-Ministru ta' l-Ekonomija u Intrapriżi Żgħar Dr Chris Cardona.

L-abbonament annwali fuq Malta Business Book joffri opportunita' lil intrapriżi ta' kull daqs, li joħolqu profil minn fejn ikunu qegħdin jippromwovu l-linja tax-xogħol tagħhom. Is-sit ħa joħloq punt ċentrali għal kull min ikun irid ifittex xi servizz jew prodott lokali.

Kull profil jinkludi ritratti videos, deskrizzjoni, kuntatti, kif ukoll links għas-social media u website.

Malta Business Book għandha żewġ għanijiet prinċipali: li taħdem bħala sors ta' nformazzjoni għal organizazzjonijiet u individwi li jkunu ħa jinvestu f'Malta, u li tippromwovi negozji lokali li qed ifittxu li joffru is-servizzi jew prodotti tagħhom fi swieq internazzjonali.

"Dawn l-oġġettivi ħa jintlaħqu b'marketing iffukat f'Malta, fl-Ewropa, u f'pajjiżi oħra li nemmnu li negozji Maltin għandhom ċans tajjeb li jibnu rabtiet kummerċjali magħhom", spjega Robert Grech, direttur ta' Web Matters Limited.

"In-negozji Maltin għandhom ħafna x'joffru, u aħna qed inkunu qed ngħinuhom jiftħu l-bibien".

Apparti mil-marketing, is-sit juża teknoloġija ta' search engine optimisation li tassikura li jiġu offruti riżultati tajbin fuq search engines, għal varjeta' ta' keywords u frażijiet.

"L-għan tagħna huwa li niftħu l-bibien għal negozji Maltin biex jikbru mhux biss fis-suq lokali, iżda wkoll fi swieq li qatt ma kkonsidraw qabel".

"Għal negozju biex jidħol fis-swieq barranin hija biċċa xogħol iebsa, li tirrikjedi investiment qawwi, iżda Malta Business Book huwa effettiv għax ħa jkun qed jipromwovi in-negozju Malti b'mod kollettiv".

Profil fuq Malta Business Book jiswa €250 fis-sena. Għal iktar informazzjoni tista ċċempel fuq 2713 1869 jew tibgħat email fuq info@maltabusinessbook.com

***Copy ends***